**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF FRANCO DEPASQUALE LL.D.**

**Illum l-Erbgha, 13 ta' Marzu 2002**

**Numru 7**
**Citaz. Nru. 433/93 FD**

**Maria Grima, illum Andrews wara dikjarazzjoni taghha presentata fir-Registru Pubbliku a tenur ta' l-Att XXI ta' l-1993**

**Vs**

**Charles Grima**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attrici premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi l-kontendenti gew awtoritazzati biex jipprocedu ghas-separazzjoni personali permezz ta' digriet moghti mis-Sekond' Awla (Dok. A);

Premess illi l-hajja konjugali ta' bejn il-kontendenti thassret irrevokabilment minhabba mohqrija, insulti, sevizzi, ngurji gravi u inkompatibilita ta' karattru konnessi da parti tal-konvenut fil-konfront ta' l-attrici;

Talbet ghalhekk l-attrici lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-konjugi Grima minhabba mohqrija, insulti, sevizzi, ngurji gravi u nkompatibilita` ta' karattru konessi da parti tal-konvenut fil-konfront ta' l-attrici;

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici dik ir-retta alimentari li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiffissa skond il-bzonnijiet ta' l-attrici u l-mezzi ta' zewgha;

3. Tillikwida l-beni appartenenti lill-komunita ta' l-akkwisti bejn il-kontendenti. Tapplika kontra l-konvenut id-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 49 u 51 tal-Kodici Civili u segwatament li tigi moghtija lill-attrici l-amministrazzjoni tal-beni parafernali taghha u zewgha jigi kkundannat li jrodd lura lilha d-dota taghha;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attrici, il-lista tax-xhieda minnha indikati flimkien ma' l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li fiha huwa eccepixxa:-

1. Illi z-zwieg bejn il-kontendenti tkisser minhabba ragunijiet li kienu unikament imputabbli ghall-attrici ghar-ragunijiet li kellhom jigu spjegati fil-kors tal-kawza;

Ghamel ukoll riserva ghal eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut, u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-digriet taghha tad-29 ta' Novembru 1995 li permezz tieghu giet nominata l-avukat Dr. Irene Bonello bhala espert legali biex tfittex u tirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici wara li tiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet sollevati, u taghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjoni ta' l-imsemmija espert legali li tinsab a fol 156 *et sequitur* tal-process u li giet minnha debitament konfermata fl-Udjenza ta' l-14 ta' Ottubru, 1998;

Rat in-noti pprezentati mill-abbli difensuri;

Semghet lix-xhieda prodotti u lid-difensuri;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

Illi l-attrici pprezentat din ic-citazzjoni fejn talbet li l-Qorti tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba htijiet imputabbli lill-istess konvenut, u talbet ukoll illi jigi kkundannat ihallasha manteniment, u li l-komunjoni ta' l-akkwisti tigi likwidata u diviza bejn il-kontendenti;

Illi minn naha tieghu il-konvenut eccepixxa illi l-htija tat-tkissir taz-zwieg kien dovut lill-istess attrici;

Illi mir-rizultanzi processwali jidher illi l-kontendenti kien ilhom jafu lil xuxlin madwar sitt xhur u zzewgu b'certa ghagla u sa mill-bidu nett il-hajja ta' bejniethom kienet infelici ghalkemm damu jgebbdu bejniethom flimkien ghal madwar seba' snin; minn dan iz-zwieg ma kienx hemm ulied;

Illi rrizulta b'mod car li r-relazzjoni tal-kontendenti kienet biss konvivenza u kienet nieqsa minn kull forma ta' imhabba u li inoltre ma kienx hemm ebda forma ta' komunikazzjoni mehtiega bejn koppja mizzewga; anki x-xhieda tal-familjari taghhom tikkonferma din is-sitwazzjoni u ma hemmx dubju li l-kontendenti qatt ma fehmu lil xulxin u qatt ma ppruvaw jifthu djalogu bejniethom li seta' jwassalhom ghall-hajja matrimonjali normali;

Illi anke wara li gew ikkonsidrati wkoll il-provi li tressqu fil-kawza ta' l-annullament bejn il-kontendenti u anki tar-rapport tad-decizjoni relattiva, il-Qorti tifhem illi n-nuqqas ta' djalogu bejniethom kien l-element principali li wassal ghat-tkissir taz-zwieg taghhom;

Illi minn ezami ta' l-atti kollha, il-Qorti ma tarax li ghandha ticcaqlaq mis-suggeriment maghmul mill-abbli relattrici li s-separazzjoni ghandha tigi pronunzjata mhux minhabba xi ragunijiet imsemmija mill-attrici jew eccepiti mill-konvenut izda ghandha tigi milqugha peress illi z-zwieg taghhom tkisser irremedjabilment;

Illi dan kollu qed jinghad ghall-ispjegazzjoni tac-cirkostanzi kollha peress illi una volta z-zwieg bejn il-kontendenti gie dikjarat null skond il-ligi, il-Qorti sejra tiehu dan in konsiderazzjoni fid-decizjoni taghha;

Illi dwar it-talba ghal manteniment, oltre dak li hemm kontenut fir-rapport peritali, hemm l-istqarrija esplicita ta' l-istess attrici kif verbalizzata fis-seduti finali ta' dawn il-proceduri fejn jidher li l-attrici rrinunzjat ghall-manteniment favur taghha minghand il-konvenut zewgha;

Illi dwar il-komunjoni ta' l-akkwisti, il-partijiet taw xhieda pjuttost estensiva u jirrizulta b'mod car skond ma ssottomettiet l-abbli relattrici li kien hemm "*nuqqas ta' qbil bejn il-kontendenti dwar l-istess divizjoni u assenjazzjoni*";

Illi dwar l-entita` ta' din il-komunjoni, il-Qorti tirrileva li din kienet principalment tikkonsisti fid-dar matrimonjali, li nxtrat mill-konvenut waqt iz-zwieg u ghal dan l-iskop l-attrici u l-familjari taghha kienu ghamlu pagamenti sostanzjali;

Illi pero` wara diversi sottomissjonijiet fuq dan il-punt, il-kontendenti sabu il-bejgh ta' din id-dar matrimonjali u qablu fuq l-ammont li kienu sejrin jircevu u irrizulta li fis-7 ta' Dicembru tas-sena 2000 huma ffirmaw il-kuntratt ta' trasferiment ta' l-imsemmija dar; dan il-kuntratt il-partijiet qablu li z-zwieg ta' bejniethom "*gie annullat fl-1998 izda l-komunjoni ta' l-akkwisti ghadha mhix xolta u b'hekk qed jidhru it-tnejn fuq dan il-kuntratt*". Huma ddikjaraw ukoll illi kienu "*ghamlu kawza ghax-xoljiment u divizjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti u dan il-bejgh huwa ezercizju ta' l-istess xoljiment u divizjoni. Huma jiddikjaraw li huma kuntenti b'dan il-bejgh u ma jivvantaw l-ebda parti ohra fuq il-fond b'dan l-att trasferit.*"

Illi flimkien mal-kopja ta' l-istess kuntratt ta' trasferiment, l-attrici pprezentat ukoll prospett illi jindika kif gie mqassam il-prezz ta' Lm18,000 imhallas mill-kompratur u jidher li kull pretensjoni taghhom giet saldata anki peress li l-attrici tnaqqsitilha s-somma ta' Lm1000 mill-ammont lilha dovut proprju ghaliex kien hemm xi affarijiet li kienu taghha u ta' zewgha bin-nofs u gew mizmuma minnha, u ghalhekk kien hemm kompensazzjoni miftehma;

Illi f'dan il-prospett jidher li kien hemm ukoll ftehim bejn il-partijiet illi kull wiehed minnhom ihallsu lill-avukati u l-prokuraturi taghhom fil-kawza u li ma jkunx hemm dritt ta' manteniment;

Illi b'dana kollu in segwitu l-konvenut ipprezenta rikors fejn talab illi l-attrici ma tircevi l-ebda manteniment u fl-Udjenza ta' wara l-attrici kkonfermat l-adezjoni taghha ghal din it-talba.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:-

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' l-Ewwel Domanda in vista tad-decizjoni ta' l-annullament taz-zwieg bejn il-kontendenti moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fit-2 ta' Novembru 1998;

Tichad it-Tieni Domanda kif dedotta fic-citazzjoni;

Tilqa' it-Tielet Domanda b'dan li wara li saret id-divizjoni tar-rikavat tal-bejgh tad-dar matrimonjali, il-kontendenti ghandhom izommu wkoll per saldu ta' sehemhom l-oggetti kollha li prezentament huma fil-pussess taghhom, wara li tikkonferma li l-attrici ghandha l-amministrazzjoni tal-proprjeta` parafernali taghha; tastjeni milli tieghu konjizzjoni tar-rimanenti talbiet fit-Tielet Domanda.

L-ispejjez tar-Registru ta' din il-kawza ghandhom jigu sopportati bin-nofs bejn il-kontendenti, waqt li l-partijiet ghandhom ihallsu l-ispejjez tad-difensuri rispettivi taghhom.

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur